MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru. 872/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Krizette Vella Casao**
**Denise Vella Casao**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Krizette Vella Casao ta’ 20 sena, imwielda gewwa il-Filippini nhar it-2 ta’ Mejju 1984, bint Emilio u Victoria nee’ Casao, residenti No 60.7, Triq l-Isptar il-Belt Valletta u detentrici ta’ karta ta’ l-identita numru 32903L u lil Denise Vella Casao ta’ 22 sena, imwielda Pieta’ nhar it-13 ta’ Marzu, 1982, bint Emilio u Victoria nee’ Casao, residenti No 60/7, Triq l-Isptar il-Belt Valletta u detentrici ta’ karta ta’ l-identita 169282M gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar il-5 ta' Settembru 2004 ghall-habta ta' bejn l-4.00a.m. gewwa Triq San Gorg, Paceville, limiti ta' San Giljan minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghedu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Janet Sultana mill-Belt Valletta u Brigitte Pisani mill-Belt Valletta skond kif iccertifika Dr A Theuma MD ta' l-isptar San Luqa u dan ai terminu tal-artikoli 214, 216 (1) (a) (b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok, hin u taht l-istess cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Marika Borg mill-Belt Valletta u dan ai termini ta' l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew ghall-Janet Sultana, Brigitte Pisani u Marika Borg sabiex jingurjawhom, iddejjquhom jew jaghmlulhom hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Giljan volontarjament kisru il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Janet Sultana, Brigitte Pisani u Marika Borg billi torbot lill-imputati b'obbligazzjoni taht il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Ottubru, 2004 (esebit a fol. 23 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2005 iddikjaraw li ma kellomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-6 ta' April, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ta' l- akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk jridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fedina penali relattivament netta taz-zewg imputati u l-fatt li parti civili Janet Sultana, Marika Borg u Brigitte Pisani rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali migjuba fil-konfronti ta' l-imputati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 216 (1) (a) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza migjuba fil-konfronti taghhom u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Stante r-rinunzja da parti tal-parti civili Janet Sultana, Marika Borg u Brigitte Pisani l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza migjuba fil-konfronti ta' l-imputati u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------